MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Numru 1974/2003

**Personal Security Services Limited**
**vs**
**Giuda Taddeo Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lil konvenut ihallasha s-somma ta' elf, hames mija, wiehed u tletin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1531.45) (ekwivalenti ghal Lm657.45), in rapprezentanza ta' danni inkorsi mis-socjeta' attrici naxxenti minn misappropprijazzjoni jew negligenza grossolana tal-konvenut waqt li kien fl-impieg tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn issolleva illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghaliex il-konvenut ma kkawza ebda danni lis-socjeta' attrici u dana kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra illi l-konvenut intavola kontro talba fejn gie mitlub mis-socjeta' attrici li ghandha thallas lill-konvenut is-somma pretiza ta' elf, disa' mija, disgha u sebghin Ewro u sebgha u sittin centezmi (€1979.67), ekwivalenti ghal Lm850, rapprezentanti salarji u beneficcji ohra.

Ra r-risposta ghal kontro talba ssollevata mis-socjeta' attici illi t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut hija preskritta a tenur ta` l-artiklu 2147 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra u sema` x-xhieda flimkien ma` l-affidavit ta' Claudio Spiteri, Kevin Tonna, Mark Sammut, Giuda Taddeo Mifsud.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidra.

Illi din il-kawza titratta dwar danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici kkawzati minn misappropprijazzjoni jew negligenza grossolana tal-konvenut waqt l-impieg tieghu bhala security guard fil-*car park,* fl-Eden Leisure Centre, f'San Giljan, liema talba giet michuda. In oltre giet intavolata kontro talba dwar hlasijiet ta' salarji u beneficcji ohra, liema kontro talba hija kkontestata a bazi tal-preskrizzjoni ta' sena.

Fix-xhieda ta' Claudio Spiteri, konsulent mas-socjeta' attrici ddikjara illi l-konvenut kien beda l-impieg tieghu mas-socjeta' attrici b'effett mill-10 ta' Jannar, 2003, sas-26 ta' Marzu, 2003. Huwa kien beda xoghol fil-*car park* in kwistjoni mis-27 ta' Jannar, 2003 taht is-supervizjoni ta' Mario Cardona, li kien l-*Operations Manager* fi hdan l-istess socjeta' attrici.

Jidher illi l-konvenut ghalkemm kien diga` impjegat mas-socjeta` attrici kien beda xoghol fil-'*Car Park',* tal-*'Eden Leisure Centre',* fis-27 ta' Jannar, 2003 u kien responsabbli mill-'*cash register'* u li jigbor il-mizati applikabbli skond il-klijent. Kif intqal mix-xhud Claudio Spiteri, Mifsud kien ghamel zmien taht istruzzjoni sabiex jigi zgurat illi xogholu jitwettaq tajjeb. Illi minn din ix-xhieda jirrizulta illi s-'*security guards'* inghataw lista ta' nies li kienu awtorizzati jidhlu minghajr hlas u jekk ikun hemm xi nies li kienu qieghdin joffru xi servizzi jew jaghmlu xi *deliveries* u li ma kienux fuq din il-lista, is-'*security guards'* tal-'*car park'* kellhom ihalluhom jidhlu minghajr hlas izda kellhom inizzlu n-notamenti taghhom fuq '*log book'* partikolari*.* Irrizulta illi wara certu zmien u cioe' f'Marzu, 2003, l-'*Eden Leisure Group'* indunat b'xi diskrepanzi bejn id-dhul u n-numru ta' okkazzjonijiet li kienet 'tinfethet il-*barrier gate* sabiex johorgu l-vetturi. Ghalhekk din l-istess '*Eden Leisure Group*' addebitat lis-socjeta' attrici b'din id-diskrepanza. Is-socjeta' attrici dak iz-zmien accettat illi ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghad-diskrepanzi u assumiet ir-responsabbilita' ta' dawn id-diskrepanzi.

It-Tribunal jinnota illi l-konvenut kien ghadu kif beda l-impieg tieghu mas-socjeta' attrici u sbatax-il jum wara beda jahdem fil-'*car park'* taht struzzjoni ta' terzi. B'kollox il-konvenut kien hadem xahrejn fil-'*car park'* qabel ma ntemm l-impieg tieghu.

Ghall-ewwel li beda jahdem fil-'*car park'*, kien taht struzzjonijiet ta' kif kellu jahdem u wara beda jahdem ghar-rasu. Fis-'*shifts'* ta' meta kien qed jahdem il-konvenut, gie nnotat illi kien hemm diskrepanza wahda f'Jannar ta` l-2003, xejn fi Frar, 2003 u diskrepanzi ammontanti ghal tlett mija, hamsa u ghoxrin darba f'Marzu ta` l-2003 li wasslu ghat-tlugh tal-'*barrier gates'* f'dak l-ammont. Dawn id-diskrepanzi huma mmarkati fuq '*spreadsheet'* li fuqha qieghdin jibbazaw ruhhom l-atturi. Illi dawn id-drabi li ttelghu l-*'barrier gates'*, kellhom jkunu nnotati fil-'*log book'*.

Mix-xhieda jidher illi l-operat tal-‘*car park’* kien gestit mis-socjeta’ attrici. Is-socjeta’ attrici ghalkemm tghid illi is-*‘security guards’* kellhom struzzjonijiet precizi ta’ kif kellhom jahdmu, ma gabet ebda prova cara tal-proceduri addottati. Is-socjeta’ attrici kellha lil certu Mario Cardona bhala ‘*Operations Manager’.* It-Tribunal jinnota illi s-socjeta’ attrici qatt ma produciet ‘*terms of reference’* ta` l-impjegati taghha partikolarment ta’ dawk li jahdmu fil-*‘car park’* u l-anqas ma ngabet bhala prova xi dokumentazzjoni li turi l-procedura ta’ kif kellhom jahdmu fl-istess ‘*car park’*. L-istruzzjonijiet kienu biss bil-kelma.

Illi l-vertenza f’din il-kawza hija jekk kienx hemm misapproprijazzjoni jew negligenza grossolana da parti tal-konvenut. Ghalhekk it-Tribunal ghandu jestendi l-indagini tieghu sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa ta’ din il-vertenza.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi ma ngabet ebda prova konklussiva li titfa’ dell ikrah fuq il-konvenut. It-Tribunal huwa moralment konvint illi l-‘*modus operand’i* tas-socjeta’ attrici u l-istruzzjonijiet partikolari ma gewx moghtija lill-impjegati kif suppost partikolarment lill-konvenut li kien ilu jahdem bhala ‘*car park security guard’* ghal xahrejn biss u li parti miz-zmien li kien qieghed jahdem hemm kien taht supervizjoni.

It-Tribunal jidhirlu ukoll illi fiz-zmien li kien qieghed jahdem il-konvenut huwa, kienu ghadu fuq ‘*probation period*,’ ta’ l-impieg tieghu. Normalment, impjegat waqt il-‘*probabtion’* ha joqghod iktar attent illi x-xoghol ha jaghmlu sewwa. It-Tribunal huwa konvint illi l-istruzzjonijiet lis-‘*security guards’* ma gewx moghtija tajbin. Fil-fehma tat-Tribunal, is-‘*security guards’* kellhom ikollhom ‘*manual’* tal-proceduri ta’ kif kellhom jahdmu, haga li ma rrizultatx f’dawn il-proceduri.

Il-konvenut ma cahadx illi huwa kien jaghfas il-buttuna F1 fuq il-kompjuter biex jinfetah il-‘*barrier gate’* minghajr ma jillogja il-vettura f’xi ktieb partikolari, izda huwa qal illi ghamel hekk ghaliex dawk kienu l-istruzzjonijet li kellu. Illi sabiex jirrizulta l-misapproprijazzjoni jrid ikun hemm prova

ta’ beneficcju li gie gwadanjat mill-konvenut. Dan ma giex ippruvat mis-socjeta’ attrici. B’hekk jirrizulta lit-Tribunal illi ma gietx ippruvata l-misapproprijazzjoni da parti tal-konvenut.

Illi fir-rigward ta` l-allegata negligenza, s-socjeta’ attrici ma gabet ebda prova cara u inekwivoka li l-konvenut fil-fatt inghata l-struzzjonijiet ta’ kif kellhom jahdmu fil-‘*car park’* u li hu ma zammx ma dawn l-istruzzjonijiet ghajr ghal konsulent mas-socjeta’ attrici li qatt ma kellu kommunikazzjoni diretta mal-konvenut. Il-konsulent elenka biss il-proceduri kif hargu minn fuq. Izda kif tassew dawn il-proceduri gew trasmessi lill-impjegati ma kienux permezz ta’ procedura bil-miktub. Evidentament, il-konsulent ma kienx il-bniedem li kien qed jaghti l-istruzzjonijiet diretti lill-konvenut.

Jirrizulta li l-istruzzjonijiet gew moghtija mis-Sur Mario Cardona, bniedem li kien fuq il-konvenut u li kellu l-kuntatt dirett mal-konvenut u li kien il-bniedem li kien responsabbli ghat-tmexxija tajjeb tal-proceduri.

It-Tribunal ma rax prova x’kienu dawn l-istruzzjonijiet precizi li nghataw lill-konvenut u kien biss minn naha tal-konvenut li ppreciza dawn l-istruzzjonijiet. It-Tribunal huwa moralment konvint illi l-konvenut fiz-zmien qasir illi huwa hadem mexa a bazi tal-istruzzjonijiet li huwa fehem ta’ kif kellha tinhadem is-sistema tal-*car park ‘barrier gate*.’ Id-diskrepanzi fl-*‘ispreadsheet’* huma hafna u konsistenti fil-konfront ta` l-impjegati l-ohra u t-Tribunal jidhirlu li m’huwiex possibbli illi l-impjegati kollha f’qasir zmien thallew jahdmu b’dak il-mod minghajr ma hadd ma nduna qabel. Fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta’ attrici aggixxiet wisq malajr u semmaj ma kellhiex tattribwixxi lilha nnifisha t-tort ghad-diskrepanzi kollha ma` l-Eden Leisure Group. Zgur li kellu jkun hemm spjegazzjoni li kien jirrizulta ghal telfien inqas fi flus ghas-socjeta’ attrici. Kellhom l-ewwel jigu pprecizati l-istruzzjonijiet u jinghataw ‘*warning’* bil-miktub, haga li ma jidhirx illi gara fil-konfront tal-konvenut. Ghalkemm fil-konfront tal-konvenut, is-socjeta’ attrici ma kellhiex l-obbligu li twissih qabel ma tkeccih peress illi kien ghadu taht ‘*probabtion’* .

It-Tribunal huwa konvint illi s-socjeta’ attrici kellha problemi ta’ gestjoni tal-‘*car park’*, kif ukoll kienet qed tbati minn nuqqas ta’ kommunikazzjoni mas-socjeta` ‘*Eden Leisure Group’*. In oltre, l-impjegati tas-socjeta’ attrici ma kienux imharrga sew fil-proceduri li kellhom juzaw.

Ta’ spiss jigri illi problemi li jinqalghu mal-‘*barrier gate’* ghandhom jigu rizolti minnufih u minghajr konsultazzjoni sabiex tigi imminimizzata pandemonju tat-traffiku li jista’ jinqala` mal-‘*barrier gate’* f’temp qasir. Evidentement kien hemm movimenti tal-‘*barrier gate’* li ma gewx registrati fil-*‘log book’.* It-Tribual jirrimarka illi l-konvenut kien ghadu fil-bidu ta` l-impieg tieghu u kellu ‘*supervisor’* fuqu li kellu l-obbligu li jindirizza u jirranga il-problemi minnufih u mhux ikompli jhalli kollox ghaddej minn taht ghajnejh.

It-Tribunal huwa ghalhekk konvint illi mill-provi li ngabu quddiemu ma rrizultawx li kien hemm xi misapproprijazzjoni u l-anqas li kien hemm xi negligenza grossolana da parti tal-konvenut.

Fir-rigward tal-kontro talba t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-impieg tal-konvenut gie terminat fit-23 ta’ Jannar, 2003 u a tenur ta` l-artiklu 2147 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-konvenut kellu sena zmien sabiex jigbor flusu. Mill-provi jidher illi l-azzjoni fil-kontro talba giet intavolata fil-31 ta’ Mejju, ta` l-2005, sentejn wara t-terminu ta` l-impieg u fl-ebda hin qabel ma jidher illi giet interrotta l-preskrizzjoni b’ att gudizzjarju.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-kontro talba it-Tribunal jidhirlu illi din l-azzjoni hija preskritta a tenur ta` l-artiklu 2147 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta’ attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, fil-waqt illi jichad wkoll il-kontro talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------